**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 803/02 AJD**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Aluminium Extrusions Limited**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1427.38), rapprezentanti disa' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm953.26) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta konnessi mal-'mobile phone' bin-numru 09493370, mija u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm132.43) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 09492020, mija u hdax il-lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm111.87) minnhom bhala hlas ghal servizzi mis-socjeta' attrici konnessi mal-mobile phone' bin-numru 09432023, mija u hdax il-lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm111.21) minnhom bhal ahlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici konnessi mal-'mobile phone' bin-numru 09492021, u mija u tmintax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu

(Lm118.61) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi konnessi mal-'mobile phone' bin-numru 09430745. Is-socjeta' attrici minkejja interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data meta kien dovut l-ammont rikjest fit-talba sad-data tal-pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenut debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm1427.38), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**